# MALTA

## DEBATES TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

*(Rapport Ufficjali u Rivedut)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 551**

**It-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2001**

**Stampat fl-Ufficcju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 551**

**It-Tlieta, 12 ta' Ġunju, 2001**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fil-Kamra tal-Parlament, il-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.10 p.m.**

**Talba**

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

### ABBOZZ TA’ LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

### *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mit-12 ta' Ġunju, 2001.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**MR SPEAKER:** L-Onor. Noel Farrugia huwa *in possession*.

**ONOR NOEL FARRUGIA:** Mr Speaker, kont qed nispjega li matul l-aħħar 30 sena, il-koperativi tal-biedja u s-sajd gawdew minn numru ta` vantaġġi li mhux biss ġabu ‘l quddiem il-ġid komuni, mhux biss ġabu ‘l quddiem l-investiment ta` l-imseħbin u l-għanijiet tal-koperativa, iżda taw garanżija li l-poplu tagħna u t-turisti li jżuruna jkollhom provvista ta` ikel frisk u ta` kwalita` tajba bi prezzijiet kompetittivi.

Kont qed ngħid ukoll li l-oppożizzjoni Laburista qed tipproponi politika alternattiva għal Malta bħala Svizzera fil-Mediterran għaliex aħna nemmnu li din hija l-aħjar politika għall-ġid komuni tal-Maltin u għaliex tiggarantixxi l-aħjar futur għall-gżejjer tagħna. Din it-tip ta` politika tindirizza wkoll is-sitwazzjoni li hija marbuta maċ-ċirkostanzi ta` pajjiżna minħabba d-daqs ġeografiku li jikkawżalna problemi ta` densita` tal-popolazzjoni, u hija marbuta wkoll mal-*economy of scale* li taħdem kontra l-poplu tagħna. Allura f’dibattitu bħal dan wieħed bilfors irid jagħmilha ċara x’inhi l-prattika u r-realta` ta` din il-politika għaliex f’każ li Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, il-koperativi jkollhom jiffaċċjaw diffikultajiet kbar.

M'hemmx dubju li fil-każ tal-koperativa tal-produtturi tal-majjal, l-imsieħba ta` din il-koperativa jispiċċaw biex jitilfu kull protezzjoni, anke fejn jidħol il-laħam tal-majjal li jkun importat minn pajjiżi terzi. Infatti dawn il-produtturi jkollhom ibaxxu l-prezz b’iktar minn 20c, meta bħalissa dawn l-istess koperativi qegħdin jitolbu żieda ta` 5c biex ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż li akkumulaw matul dawn l-aħħar 28 xahar. Iżda l-gvern mhux qiegħed jindirizza dan l-aspett għaliex qed jgħaddi liġijiet ta` din ix-xorta biex imbagħad ikun jista' joħroġ avviżi legali biex jikkonforma ruħu ma` dak li jingħad fin-*national plan for the adoption of the acquis*. F'dan ir-rigward wieħed irid bilfors iżewwaq dawn iċ-ċirkostanzi għaliex jekk aħna fil-kuxjenza tagħna verament nemmnu li b'din il-liġi qegħdin inġibu ‘l quddiem l-interessi u l-ġid komuni tal-membri msieħba f’dawn il-koperativi, allura rridu nispjegaw kif inhuwa possibbli li dawn il-koperativi jegħlbu dawn id-diffikultajiet hekk kbar.

Issa aħna nafu li mhux l-oppożizzjoni biss qed tkun *scaremonger* jew *idle conjecturer* iżda l-istess *NPAA* jgħid li bil-*common agricultural policy*, il-biedja f'pajjiżna m'hijiex se tkun ekonomikament viabbli. Nafu wkoll li fir-rapport tal-gvern imħejji mill-istitut agronomiku ta' Bari, jirriżulta li ċerti industriji bħal dik tat-tjur u l-iktar dik tal-majjal huma *non-starters* għall-mod ta` kif il-gvern qiegħed jipproġetta u jħajjar lil dawn il-koperativi biex ikunu parti minn din is-sistema. Sur President, dan mhux każ li aħna ta' din in-naħa qegħdin nippruvaw inbeżżgħu imma aħna nixtiequ nisimgħu mingħand il-gvern kif bil-politika tiegħu qiegħed jipproġetta li se jegħleb dawn id-diffikultajiet, liema diffikultajiet huma marbuta mal-proċess li jissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Sur President, matul dawn l-aħħar 30 sena pajjiżna qatt ma kellu problemi rigward l-impożizzjoni ta' *levies* fuq il-prodotti li jkabbru l-bdiewa u r-raħħala Maltin għaliex dejjem kellna industrija viabbli bi prezzijiet kompetittivi għall-konsumatur. Mentri f'pajjiżi oħra bħal fil-każ ta' l-Unjoni Ewropea din is-sitwazzjoni ma tirriżultax u kawża ta` dan, id-dħul tal-produttur qiegħed dejjem jonqos filwaqt li l-prezzijiet għall-konsumatur dejjem jogħlew. Dan jirriżulta anke minn rapporti li se niġi għalihom aktar 'il quddiem meta nkun qed nitkellem dwar koperativi li joffru servizz. Veru li l-Onor. Edwin Vassallo qalilna li dan l-abbozz ta' liġi joffri soluzzjonijiet, iżda naqas jispjegalna s-segretarju parlamentari x'soluzzjoni hemm għall-problemi li qed insemmi jien, problemi rikonoxxuti mhux biss

mill-oppożizzjoni Laburista iżda anke mid-dokument ta' l-NPPA u minn dokumenti oħra li qiegħed iħejji l-gvern biex jevalwa l-*impact assessment* tal-politika ta' l-Unjoni fuq l-ekonomija ta' Malta. L-oppożizzjoni Laburista tistenna spjegazzjoni mingħand il-gvern rigward il-mod kif il-koperativi se jegħlbu dawn id-diffikultajiet għaliex jekk matul dawn l-aħħar 30 sena dawn l-objettivi kienu r-raġuni għaliex komplew ikabbru l-investiment, allura x'protezzjoni se jkollhom dawn il-koperativi biex ma jitkissrux?

Irridu niftakru li llum l-industrija tal-majjal tlaħħaq l-Lm10 miljun fis-sena, u allura meta nafu li din is-sitwazzjoni fil-prezzijiet iridu jesperjenzawha l-produtturi taċ-ċanga, il-produtturi tal-ħalib, il-produtturi tat-tjur u produtturi oħra, fejn huwa dan l-aġġornament u kif se jiġu protetti l-koperattivi biex ma jitkissrux? Tan-naħa l-oħra jgħidulna li nissieħbu jew ma nisseħbux fl-Unjoni Ewropea, il-*levies* iridu jmorru. L-oppożizzjoni Laburista spjegat kemm-il darba li dan mhuwiex veru u l-Onor. George Vella spjega wkoll x'inhuma l-għanjiet tad-WTO f'dan ir-rigward, u li pajjiżna għandu xi ħaġa ħajja li kemm il-poplu u kemm id-WTO jafu dwarha. Għal dawn l-aħħar 30 sena din il-protezzjoni wasslet biex ir-raħħala ma jitilfux ġidhom u ma jitilfux id-dritt ta' l-impjieg tagħhom, u wasslet ukoll biex il-konsumatur seta' jsib provvista friska u prezzijiet kompetittivi. Dawn huma fatti li ma jista' jinnegahom ħadd, lanqas l-akbar pampalun li jiddefendi l-politika komuni agrarja ta' l-Unjoni Ewropea. U allura f'dan ir-rigward wieħed jistenna li jkun hemm xi tip ta' informazzjoni prattika, realistika u possibbilment anke teknika.

Sur President, nixtieq nitkellem ukoll dwar dawk il-koperativi li jipprovdu servizz. Aħna nafu li minħabba ċ-ċokon ta' pajjiżna, anke dawn il-koperativi se jkollhom problemi kbar għaliex minħabba l-aġenda tal-gvern, pajjiżna se jkollu jimponi kwoti u kondizzjonijiet li l-Unjoni Ewropea tobbligah li jimponi u minħabba dawn il-kwoti u kundizzjonijiet se togħla l-ħajja. Allura jekk per eżempju nieħdu l-membri tal-koperativa tar-*refuse,* filwaqt li dawn ikunu jridu jibqgħu kompetittivi, ikollhom jikkumpensaw lill-membri tagħhom u dan jistgħu jagħmluh biss jekk jitolbu ħlas aktar biex jagħmlu tajjeb għall-għoli tal-ħajja. U wara kollox l-għoli tal-ħajja huwa kkawżat minn sistemi li tajjeb jew ħażin huma parti mis-sistema tal-politika agrarja ta' l-Unjoni. Il-verita' hi li dawn id-diffikultajiet mhux se jolqtu biss lill-produtturi tal-majjal, lill-

produtturi tat-tjur jew lill-koperativa tar-*refuse* imma se jolqtu prattikament lill-Maltin u l-Għawdxin kollha. Dan l-argument huwa aktar imsaħħaħ wara li fl-aħħar *Uruguay Round* ġie miftiehem li l-Unjoni Ewropea kellha tnaqqas b'36% it-tariffi imposti fuq ikel li jkun ġej minn pajjiżi li m'humiex membri ta' l-Unjoni, bl-aħħar tnaqqis ta' 6% proprju f'Lulju tas-sena 2000.

Iż-żewġ naħat tal-Kamra jafu u anke l-poplu jaf li l-gvern Nazzjonalista reċentement approva abbozz ta' liġi li permezz tiegħu beda jżid it-taxxi fuq ċerti prodotti ta' l-ikel importati minn pajjiżi li mhumiex membri ta' l-Unjoni, u meta l-oppożizzjoni Laburista staqsiet għall-garanzija li dawn it-taxxi mhux se jiġu imposti fuq firxa ta' prodotti oħra, il-ministru tal-finanzi li ppilota dik il-liġi ma setax jagħti t-tali garanzija li tlabnieh. Dan ifisser li filwaqt li kien hemm dan it-tnaqqis ta' 36% mill-Unjoni Ewropea, min-naħa tiegħu l-gvern Nazzjonalista, għaliex marbut li jaġġorna l-politika ta' pajjiżna ma' din it-tip ta' politika, xorta kellu jżid it-taxxi. Il-gvern kellu jżid it-taxxi għaliex irid ikun konformi mar-regoli, ma' l-obbligi, mad-direzzjoni u mal-ftehim li għandu ma' l-Unjoni Ewropea biex jimplimenta dan it-tibdil. Barra minn hekk, minħabba l-politika komuni agrarja li pajjiżna jrid ikun konformi magħha, anke dawk il-koperativi li m'għandhomx x'jaqsmu mas-settur agrikolu iżda li jipprovdu servizz, se jiffaċċjaw żieda fil-prezzijiet u allura talba għal żieda fil-pagi. Allura minħabba dan, il-koperativi se jkollhom jgħollu l-prezzijiet. Sur President, aħna mhux qegħdin ngħidu dan biex il-gvern ikun jista' jakkuża lill-oppożizzjoni li qed tkun *scaremongerer,* iżda dawn l-affarijiet qegħdin ngħiduhom għaliex huma fatti.

Dawn qed joħolqu nkwiet serju bejn id-WTO u l-Unjoni Ewropea u qed ikun hemm diskussjonijiet li ma jispiċċaw qatt, affarijiet li huma kkonfermati wkoll minn ċerti rapporti indipendenti li jsiru minn esperti. Ċerti esperti jsostnu li mill-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea, f'dak li jirrigwarda l-*budget* tal-politika komuni tal-biedja, 5% jew 10% biss imorru dirett għand il-bdiewa għaliex il-bqija huma spejjeż li jmorru għall-ħaddiema, għall-i*storage facilities* u anke biex jitħallsu l-*export refunds,* jiġifieri s-sussidji li l-Unjoni Ewropea tagħti mhux lill-pajjiżi msieħba imma lill-pajjiżi l-oħra li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni. Naturalment l-Unjoni tagħmel hekk biex teħles mill-muntanja kbira ta' kwantita` ta' ikel li jkollha. Mela jekk pajjiżna jrid jagħmel xi ħaġa biex il-koperativi jaġġornaw ruħhom, biex il-koperativi jkollhom funzjoni importanti u biex il-ħaddiema jkollhom kwalita` ta' impjieg aħjar u b'hekk ikollhom ħajja aħjar, aħna ta' din in-naħa bilfors li jkollna nwissu li ninsabu resqin għal dan it-tip ta' gwaj. Aħna m'aħniex lesti li nagħmlu bħall-gvern u ninjoraw kollox u npoġġu bħal figolla fuq dawn l-affarijiet. Ir-realtajiet huma dawk li huma u dan ma jirriżultax biss mill-kritika ta' l-oppożizzjoni iżda jirriżulta kemm mill-inkwiet li jeżisti mad-WTO u kemm mir-rapporti ta' l-OECD.

Effettivament din is-sitwazzjoni nsibuha fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea, barra l-Ingilterra, l-Irlanda u ċerti pajjiżi oħra bħad-Danimarka, fejn il-VAT fuq il-prodotti ta' l-ikel diġa' tilħaq il-25%. Hemmhekk insibu li *at farmgate level* it-taxxi huma fil-livell ta' Euro 127.3 biljun. Allura minħabba l-fatt li pajjiżna jimporta 75% tal-bżonnijiet ta' l-ikel li nikkonsmaw, inkluż il-konsum min-naħa tas-settur tat-turiżmu, u anke għal dik li hija materja prima għall-industrija tal-produzzjoni ta' l-ikel, irridu nirriflettu li meta ngħidu lill-koperativi biex jidħlu għal investiment ġdid, dawn qegħdin isibu ma' wiċċhom dan il-*bottleneck*. Għalhekk hemm bżonn li l-gvern jirrealizza dak li qed tgħid l-oppożizzjoni. Hemm bżonn li l-gvern ma jibqax magħġun ma' l-ossessjoni tiegħu li jipprova jfiehem li l-politika ta' Svizzera fil-Mediterran ma tagħmilx sens. Mhux billi l-Onor. Edwin Vassallo jiġi jgħidilna li min investa u mhux qed irendi m'għandux iwaħħal fil-gvern għaliex is-sitwazzjoni hi dik li hi. Ċertament l-industrija ta' l-ikel ma tistax titlef il-protezzjoni li llum tgawdi u mhijiex f'pożizzjoni li tbaxxi l-prezzijiet kif qed jobbligaha tagħmel il-gvern u kif qiegħed jagħmel il-gvern fin-negozjati ma' l-Unjoni biex

jaġġorna l-aġenda tiegħu ma' dik ta' l-Ewropa. Dawn l-affarijiet jagħtu indikazzjoni ċara ta' dak li qegħdin nagħmlu, iżda mbagħad il-membri ta' din il-Kamra ma jridux igergru li ħafna ċittadini Maltin u Għawdxin mhux qegħdin jagħtu kas ta' dak li ngħidu għaliex altru li hemm differenza bejn dak li ngħidu hawn ġew u dak li jiġri fir-realta`!

Il-gvern kemm-il darba kkonferma li se jkun hemm deroga fuq il-ħalib frisk li nipproduċu lokalment, iżda nixtieq li l-gvern jerġa' jikkonferma dan kollu għaliex jirriżulta li l-Unjoni Ewropea ma rrikonoxxietx din it-tip ta' deroga għall-Isvezja, allavolja kien hemm ftehim għal perijodu transitorju. Issa fl-Isvezja għad hemm kwart tal-popolazzjoni li tixrob dan il-ħalib tradizzjonali li għandu *fat content* anqas minn dak li huwa stabilit mir-regoli ta' l-Unjoni. Allura nitlob li xi ħadd min-naħa tal-gvern jinvestiga dawn il-fatti ħalli nkunu nafu x'qed jiġri fir-realta` fl-Unjoni Ewropea - mhux dak li jwiegħdu li se jirranġaw imma dak li fil-fatt qed jirriżulta - għaliex lill-Iżvediżi qed jgħidulhom li mis-sena d-dieħla mhux se jkunu jistgħu jipproduċu dan it-tip ta' ħalib. Għalkemm nissimpatizzaw ma' dawn iċ-ċirkostanzi, iżda rridu nifhmu wkoll li dawn iċ-ċirkostanzi jġibu l-qerda totali tal-produtturi tal-ħalib.

Dan huwa hekk għaliex dawn il-produtturi ma jkunux jistgħu jrendu iktar bħala koperativa u ma jkunux jistgħu jkomplu jibnu l-fabbrika tal-ħalib u jiddiversifikaw il-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib għaliex fil-gżejjer tagħna jkun hemm il-mewt totali ta' dan is-settur. Allura għalkemm l-aġenda tal-gvern hija li jaġġorna l-liġijiet ta' pajjiżna biex dawn ikunu konformi mal-politika komuni agrarja ta' l-Unjoni, ma naħsibx li l-gvern jaf x'inhuma l-għodda u x'*management* u x'amministrazzjoni hemm bżonn biex jiggwida lil dan is-settur, dak tal-biedja u s-sajd, li għandu attivita` ta' 'l fuq minn Lm70 miljun fis-sena. Nixtieq inkun naf kif pajjiżna se jirnexxilu jkun iktar kompettitiv u kif l-għanijiet li qed niddiskutu se jrendu biex minflok il-koperativi jispiċċaw f'qerda totali ikunu koperativi sostenibbli, kif kienu għal matul dawn l-aħħar 30 sena.

**THE DEPUTY SPEAKER (Onor. Michael Bonnici):** Onor. Farrugia, ippermettili imma jkolli niġbidlek l-attenzjoni li skadielek il-ħin.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Iva, Sur President, imma għad baqagħli ħafna xi ngħid. Nitolbok tifhem li għadni lanqas biss semmejt is-settur tas-sajd u nixtieq inkompli għaddej bl-intervent tiegħi, imqar għal għaxar minuti oħra. (Interruzzjonijiet)

**THE DEPUTY SPEAKER:** F'dak il-każ allura għandek bżonn *extension* u għaldaqstant xi ħadd jipproponi li l-Onor. Membru jkompli jinstema.

**ONOR. JOSEPH CUSCHIERI:** Nipproponi li l-Onor. Farrugia jkompli jinstema.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. JOE DEBONO GRECH:** Nissekonda.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Onor. Noel Farrugia jkompli jinstema'. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? (Onor. Membri: *No*) *Negatived.*

*Il-mozzjoni m'għaddietx.*

**THE DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Cuschieri, *on a point of order.*

**ONOR. JOSEPH CUSCHIERI:** Sur President, peress li sieħbi ma ngħatax l-opportunita’ li jkompli bl-intervent tiegħu, nitlob għall-*quorum.*

**THE DEPUTY SPEAKER:** Hawn talba għall-*quorum.* Is-Seduta hija sospiża għal ħames minuti.

*Fis-6.52 p.m. is-Seduta ġiet sospiża u rriżumiet ħames minuti wara.*

**THE DEPUTY SPEAKER:** Is-Seduta tista’ tkompli. Aktar rimarki? L-Onor. Joseph Cuschieri.

**ONOR. JOSEPH CUSCHIERI:** Mr Speaker, il-parti l-kbira ta' din il-liġi dwar il-koperativi hija bħal fil-każ tal-liġi li kellna qabel, fis-sens li hemm biss tibdil żgħir u anke l-emendi li daħlu huma pjuttost żgħar, għalkemm irridu nirrikonoxxu li ħafna minn dawn l-emendi għandhom iħallu effett tajjeb. Veru li hemm ċerti provvedimenti li bi ftit aktar ħsieb stajna tejjibnihom aktar, iżda bħala konkluzjoni wieħed jista' jgħid li din hija liġi pożittiva. Naħseb li ż-żewġ naħat tal-Kamra naqblu fuq dawn l-emendi u tajjeb li qed titressaq din il-liġi għaliex dawn il-koperativi huma importanti u jagħtu kontribut siewi għall-ekonomija tal-pajjiż.

Naturalment il-koperativi jridu jkunu b’saħħithom u mhux ikunu koperativi dgħajfa li jmutu qabel jitwieldu. Il-koperativi jridu joħolqu ġid għall-konsumatur, għas-soċjeta` u għall-ekonomija tal-pajjiż inġenerali. Għalkemm fil-passat ħdimna biex nsaħħu l-koperativi u tajnihom l-għajnuna biex ikunu jistgħu jikbru u anke waqqafna bordijiet u kumitati, ikollna nammettu li hemm ċerti sitwazzjonijiet fejn fallejna fil-ħidma tagħna. Issa qed titressaq liġi ġdida dwar il-koperativi u għalkemm ħafna mill-provvedimenti konna nsibuhom fil-liġi preċedenti, din id-darba mhux qegħdin jitressqu emendi biss imma liġi kompleta. U għalkemm hemm klawsoli ġodda u hemm artikoli li ġew emendati, hemm ukoll numru ta' provvedimenti li setgħu ġew mtejba għall-ġid ta’ l-istess koperativi, anke fil-fehma ta' l-istess membri tal-koperativi.

Ċertament li l-koperativi huma importanti u huwa essenzjali li jkunu b’saħħithom, li nagħtuhom l-għajnuna meħtieġa u li nippromwovu u nħeġġu b'mod speċjali dawk l-oqsma fejn għandna kumpanniji, individwi jew *self-employed* li jikkompetu fi swieq internazzjonali. Importanti li nidentifikaw dawn is-setturi biex inħeġġuhom, nagħtuhom l-għajnuna kollha meħtieġa u nagħtuhom l-inċentivi mingħajr ħafna burokrazija żejda. B'hekk dawn ikunu jistgħu jifhmu x'inhi l-idea ta’ koperativa u x’irwol għandu jkollhom fl-ekonomija. B'hekk inkunu nistgħu nżidu l-koperativi għaliex f’pajjiż żgħir bħal Malta, il-koperativi huma importantissimi. Anke l-pajjiżi l-kbar iqisu li l-koperativi huma importanti, iżda fil-pajjiżi ż-żgħar il-koperativi huma importantissimi għaliex jgħinu lill-pajjiż biex ikun jista' jikkompeti f'suq dinji. Allura kemm fuq bażi internazzjonali u kemm fuq bażi lokali, il-koperativi għandhom ikunu ta' ġid mhux biss għas-soċjeta' u għall-ekonomija imma anke għall-konsumatur. Veru li kien hemm xi koperativi li ma tantx iffunzjonaw kif xtaqnihom pero` kien hemm oħrajn li bis-saħħa tagħhom il-konsumatur gawda, kien aktar rispettat u ngħata aktar għażla bi prezzijiet kompettivi.

Il-koperativi huma importanti għas-soċjeta` għaliex jikkontribwixxu wkoll biex is-soċjeta` tkun aktar zviluppata, kemm bit-twaqqif tal-koperativi nfushom, kemm bil-kontribut li jagħtu l-membri ta' dawn il-koperativi u kemm imbagħad bis-servizzi li dawn ikunu qed joffru jew bil-prodotti li dawn jinfilsaw fis-suq. Dan kollu awtomatikament jirrifletti ruħu fl-ekonomija u żgur li l-poplu Malti kollu jiddependi fuq kif tkun sejra l-ekonomija tal-pajjiż. Huwa ta' interess għal kulħadd li jkollna ekonomija b'saħħitha, ekonomija soda, ekonomija li tiġġenera l-ġid u li

minnha jista' jgawdi kulħadd. Eventwalment din l-ekonomija toħloq il-ġid fost il-poplu kollu, fost is-setturi kollha u fost l-oqsma kollha ta' pajjiżna. Allura għalkemm fil-passat ma sarux ċerti affarijiet forsi bi żvista - jew ejja ngħidu b'nuqqas ta' rieda jew nuqqas ta' ħeġġa - issa rridu naraw li l-koperattivi jikkontribwixxu b'mod aktar sħiħ u sod. Naħseb li hemm spazju biżżejjed fejn il-koperattivi jistgħu jipparteċipaw, fejn jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom u fejn jistgħu joffru servizzi u prodotti iktar kompetittivi kemm għall-ġid tagħhom stess u kemm għall-ġid tal-konsumatur u tas-soċjeta' inġenerali. B'hekk ikunu iktar b'saħħithom bħala grupp u bħala riżultat, l-ekonomija ta' pajjiżna tkun qed tibbenifika minn din il-ġenerazzjoni ta' attivita` li tolqot lill-konsumatur u lis-soċjeta`. Iżda l-liġi ma' tridx biss tkun miktuba iżda trid tiġi implimentata, Sur President.

Kellna ħafna każi fejn dan il-parlament aapprova sensila ta' liġijiet li meta mbagħad ġejna għall-fażi ta' implimentazzjoni weħilna. Infatti meta tipprova tara x'inhuwa r-riżultat aħħari wara li għamilna dawn il-liġijiet u wara li waqqafna dawn il-kumitati u awtoritajiet kollha, bilfors ikollok tasal għall-konklużjoni li prattikament kollox qisu sar għal xejn. Allura rridu naċċertaw ruħna li dawk l-abbozzi ta' liġi li jiġu ppreżentati quddiemna u li jiġu approvati, jiġu attwati fil-veru sens tal-kelma. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn ir-riżultati tal-koperattivi matul is-snin ftit hemm biex wieħed jista' jiftaħar. Nistgħu ngħidu li l-liġi tal-koperattivi tmur lura għas-snin '40 meta kienet ġiet introdotta għall-ewwel darba fuq mudell Indjan, bl-intervent u bl-għajnuna tal-Gvern Ingliż. Minn dak iż-żmien sas-snin '70 din il-liġi prattikament baqgħet hemm bla ma sar xejn fuqha u tista' tgħid li ma daħletx fis-seħħ għaliex riżultati ma kienu jidhru mkien. Imbagħad kellu jkun gvern Laburista tas-snin '70 li emenda din il-liġi, anżi bidilha radikalment, għalkemm illum fil-parlament uħud mid-diskorsi li saru qishom jindikaw li l-Partit Laburista lanqas biss jemmen fil-koperattivi. Donnu li aħna ta' din in-naħa f'xejn ma nemmnu!

Iva, kien gvern Laburista li fl-1978 reġa' qajjem din il-liġi, bidilha radikalment u anki ġab lil Munkner - konsulent mill-Ġermanja tal-Punent, fejn il-koperattivi kienu jiddependu ħafna mill-pariri tiegħu - li kien offra xi pariri dwar il-mod kif tista' taħdem din il-liġi. Għalhekk wieħed jista' jgħid li mill-1978 'il quddiem, speċjalment matul l-ewwel snin, kien hemm spinta fil-qasam tal-koperattivi u twaqqfu diversi koperattivi. Il-liġi bdiet taħdem u kienet bdiet tagħti l-frott tagħha, iżda jiddispjaċini ngħid li r-ritmu li kienu qabdu l-koperattivi ma damx ma batta. Forsi wkoll, kif qed jgħid sieħbi, kien hemm min kellu interess jitfa' x-xogħol lura. Dan huwa punt importantissimu li wieħed għandu janalizzah għaliex nafu li l-koperattivi jridu jikkompetu mal-kumplament tas-suq u allura mhux kulħadd iħares lejhom b'mod pożittiv. Għalkemm mhux se noqgħod insemmi persuni jew setturi, jista' jagħti l-każ li l-progress tal-koperattivi nżamm lura minħabba l-interess li seta' kellu xi ħadd biex il-koperattivi ma jimxux 'il quddiem. Illum li ninsabu f'era aktar moderna, kompetittiva u parteċipattiva, irridu naraw li din is-sitwazzjoni ma terġax tiġri għaliex inkunu qegħdin nħallu s-sejf jidħol f'dahar din il-liġi u jkun qed joqtolha ftit ftit. Jekk jiġri hekk nkunu ħlejna l-ħin ta' dan il-parlament u tal-kumitati li twaqqfu biex jaraw kif din il-liġi tista' taħdem. Inkunu ħlejna ħafna ħin preżżjuz ta' dan il-parlament u ma naħsibx li d-deputati taż-żewġ naħat tal-Kamra lesti li jaċċettaw dan it-tip ta' atteġjament.

Punt importanti ieħor huwa d-differenza li hemm bejn is-sistema ta' kif jaħdmu l-koperattivi f'pajjiżna u kif jaħdmu f'pajjiżi oħra. Infatti s-sistema tal-koperattivi kif nafuha aħna taħdem b'bordijiet jew kumitati, sistema aktar wiesgħa, aktar mifruxa u aktar parteċipattiva milli hemm f'dawk il-pajjiżi fejn bniedem wieħed biss ikun responsabbli. Allura rridu naraw li s-sistema li għandna aħna trid tkun waħda effettiva, fejn ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' ħafna nies li jifhmu f'dan is-settur. Irridu naraw li dawn in-nies ma jkunux appuntati sempliċement għaliex huma ħbieb tal-partit fil-gvern, tal-ministru jew tas-segretarju parlamentari nkarigat. Allura naħseb li wara li jkun sar dak ix-xogħol kollu, jekk eventwalment jiġri bħalma qiegħed ngħid

jien, inkunu għamilna xogħol għal xejn għaliex imbagħad eventwalment ir-riżultat ma jistax ikun wieħed effettiv.

Nafu li mill-1987 sa l-1996 il-bord tal-koperativi kien għoddu żarma għal kollox, iżda meta fl-1996 reġa' tela' l-Partit Laburista fil-gvern reġa' ta spinta mhux biss lill-bord imma anke lill-kumitati li joħorġu minnu - dak iż-żmien il-bord kien kompost minn Prof. Godfrey Baldacchino, Prof. Godfrey Pirotta, Dr. Nicholas Bonanno, Romeo Formosa u n-Nutar Mark Sammut u dawn ħadmu bis-serjeta` bħala *team* - iżda mbagħad wara li eventwalment inbidel il-gvern, dawn l-esperti twarrbu għalkemm kienu qed jagħtu kontribut siewi. Il-bord li kien twaqqaf minn gvern Laburista kien għamel xogħol siewi ħafna u daħal f'diversi dettalji li mhumiex relatati biss ma' din il-liġi imma għamel xogħol aktar siewi li wieħed irid jirrikonoxxi. Meta l-Ministru Gonzi ppreżenta dan l-abbozz ta' liġi quddiem il-parlament, huwa ftaħar bix-xogħol li kien għamel il-bord preċedenti li kien waqqaf gvern Laburista u għalhekk nistgħu ngħidu li l-gvern illum qed jaħsad frott il-ħidma ta' gvern Laburista. Ċertament li l-Prof. Edwin Grech kellu għal qalbu l-qasam tal-koperativi u tah importanza kbira u kien anke appunta nies intiżi u dedikati fit-twettiq ta' xogħolhom u r-riżultat stajna narawh. Irrid ngħid ukoll iżda li dan ix-xogħol tkompla anke b'ċerta serjeta' minn Frans Galea - għaliex jien inħobb ngħid kollox - iżda finalment kien Prof. Godfrey Baldacchino li ta l-akbar spinta biex dan l-abbozz seta' jiġi emendat u biex eventwalment jitressaq quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti, u allura dan rridu nirrikonoxxuh u l-parlament għandu jirringrazzja lill-Prof. Baldacchino għall-ħidma tiegħu.

Mr. Speaker jiena xtaqt nistaqsi lill-ministru kemm se jkollhom awtonomija l-koperativi wara li dan l-abbozz ta' liġi jiġi approvat mill-parlament. F'dan l-abbozz hemm imniżżel li l-fond tal-bord se jkun f'idejn il-ministru u din hija kwistjoni li taħraq għaliex nafu kemm il-koperativi xtaqu li jkunu huma stess li jamministraw dan il-bord, iżda ma nafx għal liema raġuni din l-opportunita` ma ngħatatilhomx. Reġa' ġara kif jiġri tradizzjonalment f'pajjiżna li kollox jinżamm taħt il-bastun tal-ministru. Iżda jekk qegħdin niftaħru li qed nagħtu aktar awtonomija lill-koperativi, allura ma jagħmilx sens li ma jkunx hemm il-parteċipazzjoni diretta tar-rappreżentanti tagħhom f'dan il-bord, aktar u aktar meta nafu li ma tantx għandna fuq xiex niftaħru dwar il-mod kif tmexxew ċerti fondi.

Nafu li matul l-amministrazzjoni Laburista, il-bord kien beda' diversi investigazzjonijiet - sfortunatament ma laħaqx ikkonkludihom - dwar il-mod kif kienu ntużaw ċerti flus mill-fond, kif ċerti flus kienu għaddew minn koperativa għal koperativa oħra jew mill-bord għall-koperativi jew mill-koperativi għall-bord. F'dan ir-rigward nixtieq inkun naf jekk il-bord f'dawn l-aħħar sentejn u nofs kompliex b'dawn l-investigazzjonijiet u x'kien ir-riżultat. Iżda min-naħa l-oħra jekk ma kompliex b'dawn l-investigazzjonijiet nixtieq inkun naf x'kienu r-raġunijiet. Jien naraha importanti li jkun hemm ir-rappreżentanti tal-koperativi fuq dan il-bord għaliex meta jkun hemm persuna waħda li tmexxi, id-deċizjonijiet jittieħdu minn dik il-persuna biss iżda meta jkun hemm iktar nies ikun hemm ukoll iktar sorveljanza u l-abbuzi bilfors jonqsu. Per eżempju, nixtieq insemmi l-każ li kien beda jiġi investigat fuq it-taħwid u t-tgerfix li kien hemm fuq il-flus tal-koperativi ta' min irabbi l-majjali. Sal-lum ma nafux x'ġara. Nafu biss li kien hemm membri mill-istess koperativa li rsistew biex ma joħorġux ċerti dettalji. Ħadd ma jaf jekk din l-investigazzjoni tkomplietx u jekk tkompliet x'irriżulta u x'passi ttieħdu.

Eżempju ieħor li nista' nsemmi huwa x-xoljiment tal-fondazzjoni operistika tal-Manoel, li fil-bord tagħha kien hemm Prof. Peter Serracino Inglott. Qabel ma xoljiet, din il-fondazzjoni kienet għaddiet il-flus lill-koperativa kulturali ta' l-universita` - issa jekk għaddewx għand il-bord u mingħand il-bord għaddew għal għand koperativa oħra, jew jekk għaddewx dirett ma' nafx - dak iż-żmien immexxija u kkontrollata mis-Sur Joe Saliba, illum segretarju ġenerali tal-Partit

Nazzjonalista. Dak iż-żmien din il-koperativa kienet sejra ħażin ħafna u lilha ġew mgħoddija Lm 10,000 mill-fondazzjoni operistika tal-Manoel. Sal-lum ħadd ma jaf kif sar dan it-taħwid, anke jekk matul l-amministrazzjoni Laburista kienu bdew l-investigazzjonijiet biex wieħed jara kif kien sar dan it-taħwid u jekk dawn il-flus itteħdux b'abbuż. Kien hemm ħafna *loopholes* u dawn iridu jingħalqu jekk verament irridu li ċerti żbalji ma jerġgħux jiġu ripetuti. Issa għaddew sentejn u nofs minn meta l-Partit Nazzjonalista għal darba oħra ħa t-tmexxija tal-pajjiż f'idejh u allura għaddew sentejn u nofs minn meta l-viċi prim ministru ngħata r-responsabbilta` tal-koperativi. Għaddew sentejn u nofs minn meta l-Onor. Lawrence Gonzi rriżenja minn segretarju ġenerali tal-partit u minfloku laħaq Joe Saliba, iżda dwar din l-investigazzjoni bqajna ma smajna assolutament xejn.

Allura meta wieħed iħares lejn dak li hemm fil-liġi u jara' li l-ministru se jibqa' jkollu kontroll assolut u se jibqa' jappunta n-nies hu fil-bord, jibda jidħollok suspett li l-affarijiet qed jitmexxew fl-interess politiku partiġġjan u mhux fl-interess tas-settur jew tal-qasam li qed nitkellmu dwaru. Għalhekk kienet tagħmel sens il-proposta li l-koperativi jkollhom ir-rappreżentant tagħhom fuq il-bord. Iżda hawnhekk sfortunatament il-ministru qisu qarnita għax għandu kontroll assolut, kollox taħt idejh - qed ngħid għall-figura tal-ministru u mhux għalih personali - imbagħad niftaħru bl-awtonomija, bit-trasparenza u bl-indipendenza ta' dawn l-awtoritajiet meta l-verita` hi li kollox isir kif jgħid il-ministru u mhux fuq kif jiddeċiedi l-bord. Huwa l-bord li għandu jiddeċiedi.

Nifhimha li l-ministru għandu jibqa' informat dwar dak kollu li jkun qiegħed jiġri, iżda fejn hemm lok għal deċizjoni li tkun tajba għan-nazzjon u għall-qasam speċifiku m'għandux jindaħal il-ministru, allavolja t-tali deċiżjoni tkun se taffetwa ħażin l-interessi tal-partit tiegħu jew tkun se tolqot negattivament xi settur tradizzjonalment viċin il-partit. Dak li huwa fl-interess nazzjonali għandu jiġi l-ewwel u qabel kollox. Iżda meta mbagħad ikollok liġi bħal din li terġa tikkonferma l-politika ta' dan il-gvern li l-ministri jridu kollox taħt idejhom, anke li jappuntaw lin-nies huma, allura l-kliem awtonomija u indipendenza u ħafna kliem sabiħ ieħor ma jkun xejn ħlief kliem vojt. Għax jew inkunu realistiċi u dak li nemmnu fih inwettquh, jew inkella ngħidu li ma nemmnu xejn. Inutli li wieħed jgħid li huwa kattoliku prattikanti u ma jersaqx lejn il-knisja, għaliex kif tista' tissejjaħ kattoliku jekk lanqas biss tersaq lejn il-knisja! U f'dan ir-rigward is-sitwazzjoni hija analoga għax il-ministri jridu jiddefsu f'kollox.

Jiena mhux qed nirriferi għall-politika tal-gvern għaliex meta l-gvern għandu l-politika tiegħu – naturalment kull naħa jkollha l-politika tagħha, anke l-Partit Laburista għandu l-politika tiegħu - ma jistax ikollok nies fil-bordijiet jew fis-servizz pubbliku li ma jemmnux f'dik il-politika, nies li mhumiex lesti li jaħdmu fuq dik il-linja. (Interruzzjonijiet) Jiena nixtieq inkun naf kemm dan il-gvern ħalla nies ta' bixra Laburista fuq bordijiet wara Settembru ta' l-1998, allavolja aħna konna mxejna b'id ta' l-ingwanti bejn l-1996 u l-1998. Ara dan il-gvern m'għamilx l-istess. Il-gvern Laburista kien ipprova jasal għal rikonċiljazzjoni vera iżda dan il-gvern qaleb kollox ta' taħt fuq. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq politika, fuq kif tista' tmexxi 'l quddiem politika approvata mill-elettorat - għaliex il-partiti jersqu quddiem l-elettorat bi programm - u allura huwa fl-interess, fid-dmir u fid-dover tal-gvern tal-ġurnata li jara li dik il-politika timxi 'l quddiem.

Sur President, f'din il-Kamra hawn qbil bejn iż-żewġ partiti li dan l-abbozz ta' liġi għandu jiġi approvat. Infatti kulħadd ta l-kontribut tiegħu u kien hemm min anke ippropona li l-koperativi għandu jkollhom ir-rappreżentant tagħhom fuq il-bord, iżda l-gvern tal-ġurnata ressaq liġi b'ħafna artikoli li kienu diġa` hemm, b'xi modifikazzjonijiet żgħar. Il-gvern ma ried jitlaq assolutament xejn minn idejh u allura minkejja li b'mod konklużiv din il-liġi hija waħda

pożittiva, hija ħasra li mbagħad fiha dawn in-nuqqasijiet. Allura nixtieq nitlob b'umilta` kbira lil dan il-parlament biex jerġa jiddiskuti l-mod kif il-koperativi jistgħu jkunu direttament involuti. Qiegħed ngħid b'umilta` għaliex f'din id-dinja ħadd m'huwa perfett, ħadd m'huwa infallibbli u kulħadd jista' jiżbalja. In-nies li ma jagħmlux żball huma dawk li joqogħdu ċiċċi bilqiegħda u ma jagħmlu xejn. Dawk bilfors ma jagħmlux żball, imma min jagħmel xi ħaġa jista' faċilment jagħmel żball. Allura la hawn dan il-qbil, il-ministru għandu jiġi f'din il-Kamra biex jekk hemm bżonn nerġgħu nemendaw din il-liġi. Sinċerament nemmen li bl-involviment ta' kulħadd, il-koperativi jistgħu jkunu aktar b'saħħithom u jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-ekonomija ta' pajjiżna u lejn is-soċjeta`.

**MR. SPEAKER**: Onor. Cuschieri, ippermettili niġbidlek l-attenzjoni li skadielek il-ħin u għaldaqstant nitolbok tikkonkludi.

**ONOR. JOE CUSCHIERI**: Mr. Speaker, jien kieku xtaqt inkompli.

**MR SPEAKER:** Xi ħadd jipproponi li l-Onor. Cuschieri jkompli jinstema'.

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Nipproponi li l-Onor. Membru jkompli jinstema'.

**MR SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. JOE CILIA:** Nissekonda.

**MR. SPEAKER**: Il-mistoqsija hi li l-Onor. Cuschieri jkompli jinstema'. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye)* Dawk kontra? (Onor. Membri: *No) Negatived.*

*Il-mozzjoni m'għaddietx*

**MR SPEAKER:** L-Onor. Noel Farrugia, *on a point of order.*

**ONOR. NOEL FARRUGIA:** Mr Speaker, qed nitlob għall-*quorum.*

**MR SPEAKER:** Hawn talba għall-*quorum*. Is-Seduta hija sospiża għal ħames minuti.

*Fis-7.37 p.m. is-Seduta ġiet sospiża u rriżumiet ħames minuti wara.*

**MR. SPEAKER***:* Is-Seduta tista' tkompli. Aktar rimarki? L-Onor. Joe Cilia

**ONOR. JOE CILIA**: Sur President, il-liġi dwar il-koperativi hija tajba fis-sustanza u allura bilfors li naqblu fuqha. Hawn qed nitkellmu dwar kunċett rikonoxxut bħala forma ta' għaqda fost il-ħaddiema, kunċett li juri solidarjeta` bejn il-ħaddiema. Issa jekk wieħed iħares lejn il-kunċett tal-koperativi jrid bilfors juri ammirazzjoni għall-mod kif twieled dan il-kunċett, kif żviluppa u l-mod kif żvolġa bħala parti mis-soċjeta` tagħna. Il-liġi li qegħdin niddiskutu llum tieħu in konsiderazzjoni l-kostituzzjoni, ir-regolamentazzjoni u l-kontroll ta' soċjetajiet koperativi u hija wkoll maħsuba b'tali mod biex toffri l-għodod neċessarji biex il-koperativi jkunu jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Din il-liġi tirregola kemm dawk il-koperativi li jeżistu llum u kemm dawk li jistgħu jitwieldu fil-futur.

Oriġinarjalment il-koperativi twieldu fl-oqsma ta' l-agrikoltura u s-sajd, u kien biss reċentement li rajna espansjoni tal-koperativi f'oqsma oħra, biex ngħid hekk ta' natura moderna, bħalma

huma dawk tal-*marketing*, ta' l-*advertising* u tal-*management,* u anke saħansitra oqsma oħra bħall-qasam mediku u l-qasam tat-teatru. Saħansitra reċentement ġiet imwaqqfa koperativa fil-qasam soċjali għas-*single mothers*. Hekk allura wieħed jista' jara li dan il-kunċett tal-koperativi jwassal għal firxa wiesgħa ta' affarijiet u jista' joffri possibbiltajiet biex dan il-kunċett jiżviluppa dejjem aktar. Bħalissa f'pajjiżna hawn madwar 66 koperativa, b'*turnover* ta' madwar Lm22 miljun, dejjem skond l-aħħar ċifri *available.* Iżda biex wieħed ikun jaf x'inhi koperativa jrid jibqa' fidil lejn il-kunċett tal-koperativi u jrid iħares lejn il-liġi. Tajjeb li issa nirriferu għal-liġi partikolari għaliex b'hekk dawk li forsi mhumiex daqshekk familjari mal-kunċett tal-koperativi, ikunu jistgħu jifhmu eżatt l-għanijiet tal-liġi u x'inhi tkopri.

F'taqsima 3 ta' din il-liġi hemm id-definizzjoni ta' dawk is-soċjetajiet li jistgħu jiġu rreġistrati bħala koperativi. Koperativa hija indikata bħala:

> "….. assoċjazzjoni awtonoma ta' persuni li jingħaqdu flimkien b'mod volontarju sabiex jikkonformaw mal-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż l-impjieg permezz ta' impriża li tkun proprjeta` konġunta u kkontrollata demokratikament, skond il-prinċipji koperativistiċi, u li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tista' tiġi reġistrata mill-bord bħala soċjeta` koperativa taħt dan l-Att."

Meta wieħed iħares lejn din id-definizzjoni jara li hemm bżonn ta' ċerti elementi biex tifforma ruħha koperativa, u anki l-istess taqsima 3 tal-liġi ssemmi li hemm seba' prinċipji. L-ewwel priniċipju jitlob li jkun hemm sħubija volontarja u miftuħa. Dan huwa importanti għaliex il-kunċett fih innifsu tal-koperativi ma jitlob xejn ħlief koperazzjoni bejn dawk li jingħaqdu. It-tieni prinċipju jittratta l-kontroll demokratiku li jrid ikun hemm mill-membri għaliex il-kunċett tal-koperativi ma jistax jaħdem jekk ma jkunx hemm element demokratiku dwar kif iridu jaħdmu l-affarijiet. Fil-fatt il-membri jridu jipparteċipaw attivament fl-għemil ta' kull politika u ta' kull deċizjoni li tista' tasal għaliha l-koperativa.

It-tielet prinċipju li titlob il-liġi għal formazzjoni ta' koperativa hija l-parteċipazzjoni ekonomika tal-membri. Importanti li nitkellmu ftit dwar dan il-punt għaliex issa l-kunċett tal-koperativi huwa ferm iktar wiesgħa u għandu tifsira u potenzjal ferm iktar miftuħ minn meta twieled il-kunċett oriġinarjalment snin ilu. Għaliex minkejja li llum koperativa tista' titwieled b'għanjiet mhux biss purament ekonomiċi imma jista' jkollha għanjiet kulturali u soċjali wkoll, iżda fl-aħħar dejjem irid ikollok parteċipazzjoni ekonomika mill-membri involuti. Infatti biex il-koperativa tkun tista' taħdem, il-kapital oriġinali huwa r-riżultat ta' dak il-kontribut li taw il-membri volontiera biex titwaqqaf l-organizzazzjoni. Fil-fatt hemm diversi okkażjonijiet fejn il-liġi titlob lill-koperativi biex jagħtu kontribut ekonomiku u għalhekk irid ikun hemm il-parteċipazzjoni ekonomika tal-membri f'kull koperativa.

Ir-raba' prinċipju li hemm fil-liġi huwa dwar l-awtonomija u l-indipendenza tal-koperativi. Il-koperativi m'huma xejn ħlief organiżazzjonijiet awtonomi u jekk ikun hemm din il-forma ta' awtonomija, il-koperativi jkunu jistgħu jaslu bla xkiel għall-għanijiet li għalihom ġew iffurmati.

Prinċipju ieħor li huwa meħtieġ għall-formazzjoni ta' kwalunkwe koperativa jirriferi għall-aspett ta' l-edukazzjoni, tat-taħriġ u ta' l-informazzjoni. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-koperativi stess jipprovdu edukazzjoni u taħriġ għall-membri tagħhom u huwa importanti li jkun hemm dan l-element ta' edukazzjoni u taħriġ tal-membri. Dan huwa hekk għaliex il-metodi wżati fil-produzzjoni u fis-suq jitolbu li jkun hemm ristrutturar tal-koperativa biex hekk tkun tista' timxi 'l quddiem. Sfortunatament ħafna drabi l-membri li jiffurmaw il-koperativa diġa` jkollhom ċertu nuqqas ta' taħriġ u għalhekk ma jkollhomx il-possibilita` li jifhmu l-kunċett u l-potenzjal

tal-koperativa. Jekk ma jkollokx dan l-element tat-taħriġ tal-membri li jrid ikun kontinwu se jkollok riperkussjonijiet anki f'kemm hi kapaċi li tavvanza l-istess koperativa.

Prinċipju ieħor li tipprovdi l-liġi huwa dak tal-koperazzjoni. Huwa fl-interess tal-koperativi li jikkoperaw flimkien fl-inizjattivi tagħhom biex ikun jista'  jkollhom bażi iktar soda. Infatti l-liġi ssemmi organiżazzjoni li tiġbor fi ħdana l-koperativi kollha ġewwa pajjiżna, *cioe`* l-APEX.

L-aħħar prinċipju li titlob il-liġi jittratta dwar l-interessi li jappartjenu lill-komunita`. Il-koperativi għandhom jaħdmu biex jiksbu żvilupp sostenibbli għall-komunita` tagħhom, għall-membri, għall-persuni u għas-soċjeta` fejn jaħdmu permezz ta' dik il-politika li tkun approvata mill-membri li jiffurmaw l-istess koperativa. Meta wieħed jara' dawn is-seba' prinċipji jkun jista' japprezza aktar x'inhuma l-funzjonijiet tal-koperativi u anki l-mod kif il-koperativi jridu jaħdmu taħt il-liġi l-ġdida. Fil-fatt il-liġi tagħti linji ġodda li fuqhom għandhom jimxu l-koperativi biex ikunu jistgħu jiżvillupaw iktar. Hemm ċerti elementi ta' din il-liġi li diġa` kienu jeżistu taħt il-liġi oriġinali – bħall-bord tal-koperativi - pero` din il-liġi l-ġdida qed tagħmel *fine tuning* anki ta' dawn l-entititajiet. Il-liġi qed tagħti aktar poteri ta' nfurzar lill-koperativi u dawn se jkollhom inqas responsabbiltajiet biex ikunu jistgħu jaġixxu b'mod aktar liberu. Il-liġi introduċiet ukoll il-kunċett ta' l-arbitraġġ fil-qasam tal-koperativi biex kemm jista' jkun it-tribunali ta' l-arbitraġġ jieħdu l-post tal-qrati tal-ġustizzja regolari għaliex dawn jinvolvu ħafna formalitajiet u spejjeż kbar. Il-kunċett ta' l-arbitraġġ għandu possibbiltajiet kbar anki fil-qasam ta' l-ekonomija u tal-kummerċ.

Din il-liġi qed tbiddel ukoll in-numru ta' membri li hemm bżonn biex titwaqqaf koperativa u dan huwa element pożittiv. Oriġinarjament biex titwaqqaf koperativa kien hemm bżonn li jkun hemm seba' membri, iżda issa koperattva tista' titwaqqaf b'numru minimu ta' ħames membri. Naħseb li għad hemm il-potenzjal fejn dan il-kunċett jista' jiffjorixxi u dan in-numru minimu ta' membri jista' jonqos iktar. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-koperativa hija l-konkretizzar ta' idea u ta' għan li wieħed irid jasal għalih u toffri  opportunita` għal min jissieħeb fiha biex jikber.  Fil-fatt din hija l-esperjenza ta' ħafna mill-koperativi li jibdew minn ftit iżda mbagħad  jikbru maż-żmien.  Ta'  dan huma xhieda mhux biss dawk li huma msieħbin fil-koperativa iżda anke  oħrajn li josservaw dak li jkun qiegħed jiġri f'dak il-qasam biex ikunu jistgħu jissieħbu. Hemm diversi esperjenzi li huma xhieda ta' dan u anki taħt gvern Laburista preċedenti kien hemm inkoraġġiment biex jitwieldu aktar koperativi.

Per eżempju, nafu li l-ikbar problema fil-qasam tal-*grocers* hija meta l-kbir jiġi biex jikkompeti maż-żgħir. Bħalissa  qegħdin jitwieldu ħafna *supermarkets* kbar u llum qed nisimgħu wkoll bil-possibilita` li jkun hemm *hypermarket*, dan dejjem jekk wieħed jimxi bil-għaqal u mhux b'mod li jipprova jiġri qabel ma jitgħallem kif jimxi. Ovvjament il-kbir huwa f'pożizzjoni iktar b'saħħitha meta jiġi biex jikkompeti għaliex għandu klientela akbar, għandu saħħa finanzjarja akbar, għandu l-potenzjal u għandu l-kapital biex ikun jista' jespandi ħafna aktar minn dak li huwa żgħir. Allura fost iż-żgħar il-kunċett tal-koperativi jagħmel iktar sens meta wieħed janalizzah taħt din il-lenti. Jiena niftakar li kont mistieden it-*trade fair* minn koperativa partikolari biex nipparteċipa f'diskussjoni dwar il-koperativi. Din il-koperativa partikolari kienet tiġbor fi ħdanha l-*groceries* żgħar biex dawn ikunu jistgħu jikkompetu fis-suq b'mod aktar b'saħħtu u organizzat. Din il-koperativa toffri l-possibbilta` biex dawk żgħar li jinsabu fl-ibliet u rħula jingħaqdu flimkien kemm inkwantu għall-kapital tagħhom u kemm inkwantu għall-prodotti li jistgħu jofru. Hekk ikunu jistgħu  jiksbu prezzijiet aħjar anki meta jixtru mingħand il-*wholesalers* għaliex jibdew jixtru *in bulk* u jkollhom numru ta' imħażen fejn jistgħu jistorjaw l-affarijiet. Per eżempju meta xi *grocer* li jkun jagħmel parti minn dik il-katina  jonqoslu xi prodott, jista' faċilment jiftiehem ma' *grocer* ieħor biex il-klienti jkollhom minfejn jinqdew.  Dan il-potenzjal aħna stajna

narawh u nista' ngħid li fis-sentejn li għamilna fil-gvern konna ninkoraġġuh attivament. Hawnhekk
ma nistax ma nsemmix lil Prof. Edwin Grech li kien responsabbli għal dan il-qasam u għamel sforzi kbar biex jara li l-koperativi ma jkunux biss entitajiet miktubin fuq il-karta imma jsibu l-appoġġ, l-istruttura u l-għajnuna governattiva biex il-kreattivita` tagħhom isservi għall-ġid ta' kullħadd.

Jiena niftakar li meta f'Ottubru 1996 kien hemm bdil fil-gvern, Mr Speaker. Apparti l-fatt li kulħadd kien qed jipprova jsib saqajh għaliex kienu tbiddlu l-ministri, jiena kont ġejt allokat biex immur fis-sular fejn illum hemm is-segretarjat parlamentari responsabbli għaż-żgħażagħ u l-i*sport.* Issa f'dan is-sular kien hemm il-*unit* li jikkordina l-koperattivi. Dan il-*unit* kien jopera minn kamra magħluqa kollha *partitions* u allura minħabba li ma kienx hemm twieqi għall-barra, kien hemm ambjent ħażin ħafna. Iżda minbarra dan, in-nies li kienu jaħdmu f'dan il-*unit* kienu mitlufin għaliex tqiegħdu proprju f'nofs l-uffiċċju tas-segretarjat parlamentari u m'għandniex xi ngħidu l-esperjenza tgħallmek li diffiċli biex ħafna affarijiet jaħdmu fl-istess waqt. Għalhekk kont kellimt lil Prof. Grech biex naraw x'jista jsir biex il-koperativi jkollhom faċilitajiet aħjar u anki biex kemm is-segretarjat u kemm dan il-*unit* ikunu jistgħu jaħdmu f'aktar kumdita`. U għalkemm forsi domna xi ftit ma wasalna, finalment sieħbi kien sab *premises* ġodda li kienu aktar adatti u żviluppahom. Veru wkoll li l-*unit* li jikkordina l-koperattivi dam ftit żmien biex joħroġ mis-segretarjat, iżda mbagħad wara dik it-tbatija kollha ġie allokat *premises* aħjar għax kienu kompletament ristrutturati. U jekk hawn min jgħid li ma sar xejn, għallinqas dan il-*unit* kien beda jaħdem minn ambjent aħjar u ta' dan nixtieq nerġa` ntenni t-tislima tiegħi lejn Prof. Grech.

Mr Speaker, jien u naqra din il-liġi - u anke jien u nisma' d-diskorsi li saru hawn ġew fuq din il-liġi - ġie f'moħħi d-diskors li inti għamilt fis-*Sette Giugno.* F'dak id-diskors saret riferenza għan-numru ta` liġijiet li għaddew minn din il-Kamra bi qbil taż-żewġ naħat. Huwa tajjeb li wieħed isemmi dawn l-affarijiet għaliex min jaf kemm-il darba nisimgħu kritika li l-oppożizzjoni Laburista hija oppożizzjoni negattiva u distruttiva. Nerġa' ngħid li meta wieħed jara l-evidenza jirrealizza li ż-żewġ naħat tal-Kamra qbilna fuq 46 liġi. Iżda jiena xi drabi nkun konfuż għaliex per eżempju jekk nieħdu d-dibattitu attwali, għalkemm nafu li hemm qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra fuq din il-liġi, imbagħad waqt id-diskorsi jibda jkun hemm ħafna tgħajjir lejn il-membri parlamentari u partiġġjaniżmu bla sens. Din hija xi ħaġa tal-biki u għandna nagħmlu sforz biex tinbidel il-mentalita` u b'hekk wieħed ikun jista' jtejjeb fuq l-ieħor u mhux wieħed ikisser fuq l-ieħor. Għalhekk nagħmel appell biex tinbidel din l-attitudni fil-Kamra. Mhux l-ewwel darba li jkun hemm attakki anki personali u għalkemm dawn tħosshom u jiddispjaċik, iżda jien ngħid li għandek tinjorahom u tkun matur biżżejjed biex ma taqax fil-baxx bħalma forsi jagħmel ħaddieħor. Hekk biss il-membri parlamentari jkunu jistgħu jagħtu kontribut pożittiv u nappella lil sħabi kollegi tiegħi biex ilkoll nimxu f'din id-direzzjoni.

Ikun hemm affarijiet li ma taqbilx magħhom għaliex għalkemm il-kunċett ikun tajjeb u l-leġislazzjoni tkun qed tgħaddi bi qbil, pero` meta mbagħad il-gvern tal-ġurnata jasal għall-implimentazzjoni jispiċċa biex imur 'il hinn mill-għanijiet li jkun hemm fil-liġi. Veru li s-sitwazzjoni qed issir diffiċli kulma mmorru għaliex il-leġislazzjoni qed issir iktar komplikata u iktar speċjalizzata, u veru wkoll li diffiċli nevitaw din is-sitwazzjoni għaliex biex l-affarijiet jaħdmu jrid ikun hemm spazju fejn liġi tista' tiġi emendata mingħajr il-bżonn li titla` mill-ġdid quddiem il-parlament. Iżda filwaqt li għandu jkun hemm dan l-ispazju, wieħed għandu wkoll joqgħod attent illi ma naslux f'punt fejn kollox ikun jiddependi mill-ministru. Anki fir-rigward ta' din il-liġi jidher li huwa l-ministru li jappunta l-membri tal-bord tal-koperattivi mingħajr l-involviment ta' dawk li għandhom esperjenza f`dan il-qasam. Jiena jiddispjaċini li se jsir dan

għaliex l-aħjar parir li tista' tieħu huwa mingħand dawk il-persuni li jkunu involuti f'dak il-qasam partikolari. Huwa nuqqas evidenti li l-membri tal-koperativi m`humiex qed jingħataw leħen biex jappuntaw il-membri ta' dan il-bord, u hawn mhux qed insemmi it-*trade unions* u l-impjegati.

Anki fil-qasam sportiv, meta kont involut jiena kont waqqaft il-kunsill Malti għall-isports u fejn qabel kollox kien dommatiku u kollox kien irid isir bl-approvazzjoni tal-ministru, jien kont tajt nifs lil dan il-qasam għaliex ridt li jkun hemm rappreżentanti eletti. Ridt li dan il-kunsill ikun kompost minn membri eletti minn fost il-kunsilli lokali - nafu li llum fl-ibliet u rħula ta` Malta għandek rappreżentanti ta' l-oqsma ta' l-isports fil-kunsilli lokali kollha - u minn fost l-isportivi u l-għaqdiet sportivi. Iżda jkolli ngħid li sfortunatament dan it-tip ta` ħsieb m`huwiex rifless f`dan l-abbozz li qed jitressaq u naħseb li dan huwa nuqqas. Jista` jkun hemm titjib f`dan il-kuntest mingħajr ma niċħdu dak l-ispazju li għandu jkollu ministru biex jaġixxi, anki f`dak li għandu x`jaqsam ma` konflitt ta' interess. Kif inhi miktuba l-liġi, mhijiex kundannabbli li bniedem jista` jkollu konflitt ta' interess għaliex ikun imsieħeb f`koperativa li tkun qiegħda f'kompetizzjoni ma` koperativa oħra. Lanqas ma tipprovdi l-liġi biex il-membri tal-bord minn rajhom juru li għandhom konflitt ta` interess. Dawn huma affarijiet li m'għandniex ma niftehmux fuqhom għax huma elementari ngħid għalija.

Wieħed għandu jinnota wkoll li m'hemmx dritt ta' appell minn deċizjoni li tittieħed mill-*co-operatives registrar* għal dak li għandu x`jaqsam mat-twaqqif tal-koperativa. In-nuqqas ta` dritt ta' appell minn deċiżjonijiet li jistgħu jkunu arbitrarji mhix sitwazzjoni li għandna ninkoraġġixxu. Apparti minn dan, il-liġi tipprovdi li kull koperativa għandha persentaġġ li jmur għall-fond ċentrali tal-koperativi - jidhirli xi 5% - fond imwaqqaf bil-liġi biex dan il-qasam ikun jista` jiżviluppa aħjar. Iżda llum għandi dubji serji jekk dan il-fond huwiex qed jiffunzjona tajjeb u jekk huwiex msejjes madwar il-kunċett ta` l-iżvilupp tal-koperativi. Il-koperativi kemm qegħdin jikkontribwixxu għal dan il-fond*?* X`inhi l-pożizzjoni? Jekk mhux qed isiru l-kontribuzzjonijiet li titlob il-liġi, x`inhi l-pożizzjoni tal-gvern u x'qed isir biex din il-pożizzjoni tiġi rregolarizzata? Nixtieq nirrimarka wkoll fuq ċerti aspetti tad-diskorsi li saru waqt dan id-dibattitu, Mr Speaker.

Kien hemm min donnu ried jirredikola l-mod kif qed taħdem l-oppożizzjoni Laburista meta nżuru postijiet ta` produzzjoni u niltaqgħu ma' nies li qed iħabbtu wiċċhom ma` diffikultajiet fl-ekonomija. Per eżempju, insemmi żjara reċenti li għamilna għand produttur tat-tiġieġ. Il-verita` hi li dawn il-produtturi qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ħafna diffikultajiet - u dan mingħajr ma nsemmi l-impatt li l-Unjoni Ewropea se jkollha fuq dan is-settur - u minflok nippruvaw nuruhom toroq ġodda, qegħdin nissikkawhom b'tali mod li lil dawn sejrin infalluhom. B`mod partikolari qiegħed nirriferi għaż-żjara li għamilna ġewwa l-aħrax tal-Mellieħa lil ċertu Grima. Dan il-produttur tat-tiġieġ diġa` qed jara li l-prodott tiegħu ma jistax ikampa, aħseb u ara x'se jiġri meta jara ċ-ċifri li toffri l-Unjoni Ewropea.

Bħalissa dan il-produttur irid Lm 50,000 biex imexxi razzett li jipproduċi madwar 30,000 tiġieġa u għalkemm jixtieq li jkabbar il-produzzjoni tiegħu għal 90,000 tiġieġa, minflok ma sab koperazzjoni mingħand il-gvern, tnaqqaslu l-ammont li jista' jitlob bħala *overdraft.* Dan huwa għajb għall-gvern tal-ġurnata għaliex mhux qed jagħti l-possibilita` lil dawn in-nies li jespandu, jiżviluppaw u jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-pajjiż. Dan il-produttur spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma setax iżomm il-ħaddiema li kellu għaliex għandu xorti jkampa waħdu. U sfortunatament kull meta tidħol l-awtorita` ta` l-ippjanar din titfgħu aktar lura minflok ma taġevolah. Għalhekk kull min qiegħed jipprova jirridikola l-mod kif taħdem l-oppożizzjoni, li toffri solidarjeta` lil

dawn in-nies, naħseb li huwa redikolu hu. Naturalment hemm iktar x'wieħed jista' jgħid fuq din il-liġi u jiena nħares lejn il-potenzjal li għad baqa`; ngħidu aħna fil-qasam taż-żagħżagħ.

Meta kont responsabbli jien miż-żgħażagħ, stajt nifhem aktar li waħda mill-problemi l-kbar li jħabbtu wiċċhom magħha ż-żgħażagħ hija l-kwistjoni tal-*housing,* problema li żgur dan il-gvern ma solviex anzi nistgħu ngħidu li għadu lanqas beda jaħseb fuqha. Meta konna aħna fil-gvern, konna għamilna konferenza nazzjonali fejn laqqajna lil dawk kollha rappreżentattivi tas-soċjeta` - bħaż-żgħażagħ, persuni emarġinati, ex-ħabsin, koppji żgħażagħ u *single mothers* - ma' l-ogħla uffiċjali ta' l-awtorita` tad-djar biex flimkien jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. Jiddispjaċini ngħid li wara dan ix-xogħol kollu, il-gvern preżenti lanqas biss kellu l-ħila li jiġbor f'biċċa ktejjeb is-suġġerimenti pożittivi li saru waqt dik il-konferenza. Jien ngħid li anki l-koperativi jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom biex nittekiljaw din il-problema. Huwa veru tal-mistħija li dan il-gvern lanqas biss jittanta jittratta din il-problema biex liż-żgħażagħ noffrulhom xi tip ta' soluzzjoni. Is-segretarjat parlamentari għaż-żgħażagħ qisu ma jeżistix, *non-entity.* Jien nisfida lis-segretarjat jgħidilna liema soluzzjonijiet qiegħed joffri liż-żgħażagħ.

**MR SPEAKER:** Onor. Cilia, nitolbok tikkonkludi għaliex skada l-ħin.

**ONOR. JOE CILIA:** Baqagħli ħafna xi ngħid, Mr Speaker.

**MR. SPEAKER:** Ġaladarba l-Onor. Membru jixtieq ikompli bid-diskors tiegħu, nitlob għall-proponent u sekondant.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Nipproponi li l-Onor. Cilia jkompli jinstema'.

**MR SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. CARMELO ABELA:** Nissekonda.

**MR SPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Onor. Cilia jkompli jinstema'. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye)* Dawk kontra? (Onor. Membri: *No) Negatived*

*Il-mozzjoni m'għaddietx.*

**MR SPEAKER:** L-Onor. Karl Chircop, *on a point of order.*

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Mr Speaker, qed nagħmel talba għall-*quorum.*

**MR SPEAKER:** Hawn talba għall-*quorum.* Is-Seduta hija sospiża għal ħames minuti.

*Fit-8.22 p.m. is-Seduta ġiet sospiża u rriżumiet ħames minuti wara.*

**MR. SPEAKER:** Is-Seduta tkompli. Aktar rimarki? L-Onor. Jean-Pierre Farrugia.

**ONOR. JEAN-PIERRE FARRUGIA:** Mr Speaker, dan huwa qasam li jmur lura 50 sena, b`mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-koperativi tal-biedja u s-sajd. Iżda tajjeb li mill-ewwel ngħidu li kienet l-amministrazzjoni Nazzjonalista wara l-elezzjoni ta' l-1987 li ħadmet ħafna fuq dan il-qasam. Dak iż-żmien is-segretarju parlamentari responsabbli għal dan il-qasam kien Dr. Joe Cassar.

Matul l-amministrazzjoni Nazzjonalista kien twaqqaf kumitat konsultattiv li pprovda żewġ skemi sabiex il-ħaddiema tas-servizz pubbliku jiġu mħeġġa jwaqqfu koperativi. Dan il-kumitat kellu bidu promettenti u kienu twaqqfu xi koperativi qabel ma nbidel il-gvern f'Ottubru ta' l-1996. Niftakar li kienet twaqqfet koperativa fil-qasam tas-saħħa fejn jidħol it-tindif u koperativa oħra fil-qasam tas-sinjali tat-traffiku. Meta wieħed iħares lejn il-programm elettorali tal-Partit Nazzjonalista jsib li kien programmat li tingħata spinta biex jinħolqu koperativi ġodda u biex jissaħħu dawk diġa` eżistenti. Kellu jitwaqqaf *unit* sabiex iħajjar lill-ħaddiema biex jissieħbu fil-koperativi u barra minn hekk kellu jiġi nkoraġġit it-twaqqif ta` koperativi tal-konsumatur u t-twaqqif ta' koperativi tan-negozji żgħar.

Il-liġi ssemmi diversi strutturi u jkun tajjeb li narawhom ftit għaliex biex wieħed jara' x'differenza hemm bejntiehom, irid jagħraf ċertu dettal. Per eżempju, artiklu 3 jitkellem dwar it-twaqqif, il-funzjonijiet, il-poteri u l-għamla tal-bord u jgħid hekk:

> "Jitwaqqaf bord li jkun magħruf bħala l-bord tal-koperativi li l-funzjonijiet tiegħu jkunu fost l-oħrajn li jħeġġeġ it-twaqqif ta` soċjetajiet koperattivi viabbli fis-setturi kollha ta' l-ekonomija u tas-soċjeta`.

Il-funzjoni ewlenija tal-bord hija li jwaqqaf koperativi ġodda, iżda barra minn dan il-bord irid jara li jiġu mħajra diversi ħaddiema u li jitwaqqfu koperativi ġodda tal-ħaddiema u koperativi oħra fis-settur pubbliku u fil-korporazzjonijiet. Per eżempju fil-korporazzjoni *Maltacom* kien hemm min organizza ruħu f`koperativa biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb it-*telephone booths.* Dan irid jitkompla u ovvjament il-bord għandu din il-funzjoni wkoll. Il-bord għandu l-funzjoni li jgħin persuni b`negozji żgħar biex isaħħu n-negozju tagħhom billi jingħaqdu f`dawn il-koperativi. Fid-diskors tiegħu, l-Onor. Edwin Vassallo qal tajjeb ħafna li jekk dawk b'negozji żgħar jingħaqdu, allura jiġu solvuti ħafna problemi, bħal per eżempju in-nuqqas ta` *cash flow.*

Dan il-bord tal-koperativi għandu jservi wkoll bħala regolatur u barra minn hekk għandu jservi wkoll bħala faċilitatur, kordinatur u *liaison* bejn il-gvern u l-moviment kollu. Kif diġa` ntqal, il-bord għandu jirrievalwa il-proġett *Scoops.* Ikun tajjeb ukoll għalkemm m'hemmx miktub fil-liġi, li dan il-bord jara kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-koperativi u l-kunsilli lokali u kif jista' jaħdem id f`id ma' l-ETC u ma' l-IPSE, u dan ikun ta' benefiċċju wkoll għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Fil-liġi hemm punti importanti oħrajn, fost l-oħrajn artikolu 91, li jirriferi għall-fond ċentrali u tajjeb li wieħed jiddefinixxi x'inhuwa dan il-fond.

Artiklu 91 jgħid:

> "Jitwaqqaf fond ċentrali tal-koperativi, hawnhekk iżjed `il quddiem magħruf bħala l-fond, li jkun amministrat b`dak il-mod li l-ministru jista` jippreskrivi b`regolamenti magħmula taħt dan l-Att "

Dan l-artikolu jkompli jgħid li kull soċjeta` għandha tikkontribwixxi 5% tar-residwu li jibqa` mill-attivitajiet, ħidma, investimenti jew kull sors ieħor tagħha fi tmiem kull perijodu ta` kontijiet lill-fond ħalli dan il-fond ikollu flus biżżejjed biex ikun jista` jorganizza ħidma f`dan il-qasam. Hemm bżonn li jsir studju dwar l-aħjar mod kif jistgħu jintużaw ir-riżorsi li hemm f'dan il-fond ċentrali. Għandhom jiġu investigati l-possibilitajiet li jingħataw *scholarships* u *soft loans* u għandhom jiġu identifikati dawk is-setturi li huma soċjalment żvantaġġati.
Mr Speaker, nixtieq insemmi struttura oħra li tissemma fil-liġi, li hija l-*APEX.* Infatti artiklu 106 jirriferi għall-kostituzzjoni, funzjonijiet u dmirijiet ta` din l-organizzazzjoni. Dan jgħid:

"L-organizzazzjoni APEX tkun assoċjazzjoni li trid tissodisfa lill-bord li tkun konformi ma` dawn il-ħteġijiet li ġejjin:

a) li jkollu sħubija ta` mill-inqas b`maġġoranza assoluta ta' kull soċjeta` koperativa primarja li tkun qegħda tgawdi registrazzjoni sħiħa;

b) li l-istatut relattiv ikun jgħid li l-għan ewlieni ta` l-organiżazzjoni jkun li jiġu faċilitati ħidmiet ta` kull soċjeta` koperativa primarja, sekondarja u terzjarja f'Malta; "

U dan l-artikolu jkompli jelenka diversi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti sabiex organizzazzjoni tkun tista` tissejjaħ organiżazzjoni *APEX.*

Illum qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-istess koperativi qegħdin joġġezzjonaw dwar l-istess esistenza tal-fond ċentrali għaliex qegħdin jarawh żejjed. Jidher li l-koperativi jridu li l-fondi li jinsabu fil-fond ċentrali u dawk li għad iridu jinġabru għandhom imorru dirett għand l-*APEX*. Dan huwa punt li wieħed għandu jidħol fid-dettal fih. L-*APEX* hija organiżazzjoni li fiha għandek sħubija ta' dawk il-koperativi li jeżistu diġa`, iżda l-bord tal-koperativi u b`mod partikolari l-fond ċentrali tal-koperativi għandhom rwol differenti. Għalhekk il-bord tal-koperativi għandu rwol ta' regolatur waqt li l-fond ċentrali tal-koperativi għandu rwol li jiġbor il-fondi biex jistimula t-twaqqif ta` koperativi ġodda. Huwa importanti li jkollok entitajiet differenti li jkollhom rwoli differenti. L-*APEX* diġa` hija grupp ta' koperativi u m`għandiex l-interess li jinħolqu koperativi ġodda għaliex meta wieħed ikun qed jikkompeti, m'għandux l-interess li jżid il-kompetizzjoni. Mentri l-bord tal-koperativi kif ukoll il-fond ċentrali, minħabba li huma `l fuq minn gruppi ta` koperativi diġa` ffurmati, għandhom l-irwol speċifiku li jwaqqfu koperativi ġodda.

Per eżempju fil-qasam tal-telekomunikazzjoni fejn illum hemm il-pluraliżmu, hemm bżonn li jkollok regolatur. Għalhekk huwa importanti li jkollok kemm l-A*PEX* li torganizza diversi koperativi li diġa` jeżistu u li diġa` qed jiffunzjonaw u kemm regolatur li jkollu fond separat li jmexxi b`mod totali u ġenerali. Għalhekk meta wieħed iħares lejn subartiklu (3) ta' artiklu 4 fuq l-għamla tal-bord, dan jgħid hekk:

"L-ebda persuna m'għandha tiġi maħtura jew tibqa` membru tal-bord jekk tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, uffiċjal ta` xi soċjeta` jew ta` l-organizzazzjoni APEX."

Dawn għandhom rwoli differenti u għalhekk huwa importanti li l-liġi tisseparahom b`dan il-mod. Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor Anġlu Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**: Mr Speaker, dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna huwa importanti u bżonjuż għaliex kien hemm bżonn li nagħmlu reviżjoni tal-liġi eżistenti li għandha x'taqsam mat-twaqqif u mal-kontroll tal-koperativi. Meta bdew il-koperativi ma kienx hemm liġi li tirregolahom. Jekk per eżempju naraw meta bdew is-snajja`m nistgħu mmorru lura anki sa 150 sena. Kien ikun hemm gruppi ta' nies li ma setgħux jiffunzjonaw waħedhom u allura dawn kienu jingħaqdu anki biex ikunu jistgħu jużaw l-istess għodda komuni fuq il-post tax-xogħol. Per eżempju, kienet twaqqfet is-soċjeta` San Giuseppe Ħaddiem madwar 90 sena ilu.

Kif qal ukoll l-Onor. Jean Pierre Farrugia, twaqqfu wkoll numru ta' koperativi fid-dipartimenti tal-gvern. Nafu li fid-dipartiment tat-toroq, il-ħaddiema qegħdin jorganizzaw ruħhom biex

jagħmlu t-tabelli u s-sinjali tat-traffiku u dan huwa tajjeb. Meta ħaġa tkun tajba għandha tiġi nkoraġġjuta, jagħmilha min jagħmilha, u hawn nixtieq nsemmi wkoll bħalma għamel sieħbi l-Onor. Leo Brincat, dawk il-koperativi ta' l-istudenti, bħal *Scoops* u *Young Enterprise* u inizjattivi oħra kemm fl-iskejjel privati u kemm fl-iskejjel tal-gvern.

Issa hemm bżonn li tiġi kkreata sistema li tinkoraġġixxi l-armonija u r-relazzjonijiet bejn il-koperativi, speċjalment meta jkun hemm koperativa li tkun għaddejja minn perijodu ta' kriżi. S'issa din is-sistema ma teżistix u nispera li b'din il-liġi tiġi kkreata. Kull koperativa tista' tgħaddi minn perijodu ta' diffikulta` u kif jiġri s-soltu, meta kollox ikun miexi tajjeb ħadd ma jgħid xejn, iżda meta mbagħad ikun hemm id-diffikultajiet allura s-sitwazzjoni tkun differenti. Qiegħed ngħid dan għaliex għalkemm jiġu mwaqqfa diversi koperattivi, ħafna minnhom jisfaxxaw. Din is-sitwazzjoni sseħħ għaliex il-koperativi ma jkollhomx biżżejjed *support* la mis-sistemi li jirregolaw il-koperativi u lanqas mill-istess membri tal-koperativi li ma jsibux daqshekk solidarjeta` minn koperativi oħra. Per eżempju, jekk insemmu l-koperativi tal-furnara, dawn sfaxxaw għaliex inħolqu ċerti problemi fit-tmexxija u fil-*management* ta' dawn il-koperativi.

Nuqqas serju li dejjem kont nara f'dan ir-rigward huwa n-nuqqas ta' edukazzjoni fost il-membri ta' dawn il-koperativi. Huwa importanti li l-membri jkollhom ċerta edukazzjoni u l-universita` qed tagħmel ħafna xogħol biex tinkoraġġixxi li jkun hemm iktar *seminars* u *workshops* fejn jistgħu jiġu żviluppati t-talenti ta' dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija u ma' l-organizzazzjoni tal-koperativi. Dan huwa punt importanti u biex inħeġġu t-twaqqif ta' dawn is-soċjetajiet koperativi jrid ikun hemm aktar armonija bejn koperativa u oħra, speċjalment dawk li jkunu fl-istess qasam.
Ikun hemm drabi meta jkun hemm xi diżgwid u nista' nifhem li dan iseħħ mingħajr ma jkun jaf bih il-ministru - ma naħsibx li l-ministru jieħu pjaċir li joħloq id-diżgwid hu – għax ħafna drabi jkunu l-istess diretturi tad-dipartiment li jgerfxu u jinterpretaw ħażin l-avvizi legali. U xi drabi l-ministru, bla ma jara l-avvizi legali, jaqbad u jiffirmahom u allura jinqala' d-diżgwid fost il-membri.

Per eżempju, jien għadni ma nistax nifhem għaliex Għawdex għandhom regolamenti differenti minn dawk li għandna Malta. Kien hemm ħafna tilwim bejn is-sajjieda u dan awtomatikament ħoloq ħafna diżgwid għall-koperativi tas-sajjieda. Sfortunatament kien hemm ħafna inċidenti bejn is-sajjieda, partikolarment f'Għawdex, u kemm jiena u kemm il-ministru nafu b'dawn il-każi, anki għaliex il-ministru kien intervjena biex jipprova jikkalma l-affarijiet. Allura l-koperativi jridu jaraw kif se jaħdmu biex ma jkunx hemm diżgwid bejn membru u ieħor. Kulħadd irid ikollu l-istess għan biex koperativa timxi 'l quddiem, kemm fl-aspett soċjali u kemm fl-aspett ekonomiku, u b'hekk l-inċidenti jkunu jistgħu jiġu evitati għaliex ħafna drabi dawn ikunu riżultat ta' xi problema amministrattiva. Dan il-każ li semmejt tas-sajjieda huwa eżempju wieħed biss għaliex jekk nibda nitkellem dwar il-koperativi li huma stabiliti ma nispiċċa qatt.

Nixtieq nitkellem ukoll dwar dawk ir-regolamenti li hemm f'din il-liġi li jirriferu għal dawk l-inkjesti li jistgħu jseħħu fi ħdan koperativa meta jkun hemm ġestjoni ħażina. Hawn għandna l-bord tal-koperativi li dwaru għandi riżervi kbar u nispera li dawk il-kelliema li għad iridu jintervjenu jikkumentaw dwar dan. Jiddispjaċini nara li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali m'humiex qed jiġu segwiti f'din il-liġi. Il-prinċipji tal-ġustizzja jridu jkunu preżenti kullimkien, kemm meta nitkellmu fuq l-amministrazzjoni ta' koperativa u kemm meta nitkellmu dwar il-ksur ta' regolamenti jew dwar abbużi jew nuqqas ta' twettiq ta' dmirijiet. Il-ġustizzja għandu jkollha pedamenti soda u wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja huwa li kulħadd għandu d-

dritt li jinstema'. Kulħadd għandu jkollu d-dritt li jinstema' u li jiddefendi ruħu. Jekk irridu li l-koperativi jħarsu 'l quddiem iridu jkunu magħmula f'qafas legali.

Per eżempju, klawsola 17 ta' din il-liġi titkellem dwar pieni amministrattivi, meta l-bord tal-koperativi jagħmel inkjesta` u jsib li soċjeta` tkun aġixxiet b'mod li jmur kontra l-istess spirtu tal-liġi. F'dak il-każ il-bord jista' jimponi piena amministrattiva li tkun tammonta għall-massimu ta' Lm 1000. Jekk persuna ma taqbilx mad-deċizjoni tal-bord, il-*proviso* ta' klawsola 17 jgħid li dik il-persuna għandha l-opportunita` li tressaq ilment quddiem il-bord. Din hija sitwazzjoni infeliċi ħafna għaliex il-prinċipji tal-ġustizzja naturali mhumiex inklużi. Il-mod kif inhuwa kostitwit il-bord huwa regolat taħt artikolu 3. Id-delega u l-funzjonament tal-bord huma f'idejn il-ministru, iżda l-ikbar problema li tirrigwarda l-bord hi li jekk persuna jkollha deċizjoni mill-bord fuq xi ilment, kollox jieqaf hemm u m'hemmx dritt ta' appell.

Nixtieq insemmi l-koperativa ta' l-anzjani li huma pensjonanti u nieħu pjaċir li hawn preżenti s-segretarju parlamentari, l-Onor. Antoine Mifsud Bonnici. Hija idea tajba li dawn l-anzjani li baqgħalhom enerġija biżżejjed li jkomplu jaħdmu jkollhom koperativa. Għandna ninkoraġġixxu l-idea li jkun hawn koperativa ta' l-anzjani għaliex b'hekk inkomplu nsaħħu t-twemmin u l-eżistenza ta' xi ħaġa li tant hija għażiża u tant tagħmel ġid lil pajjiżna, kemm issa u kemm 'il quddiem, f'dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' soċjetajiet koperativi. Grazzi.

**MR. SPEAKER**: Grazzi. Sar il-ħin. Il-Viċi Prim Ministru jekk jogħġbu jressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

*Fid-9.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata*